**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 378/2016JB

Numru: 3

**Alfsons Enterprises Limited (C20428)**

***vs***

**Owen Bonnici**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Settembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, mija u sebgha u tmenin euro u wiehed u sebghin centezmu (€2,187.71) liema somma tirraprezenta prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-Konvenut fil-hanut "Tico Tico" fil-Belt Valletta. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax mid-data tal-konsenja;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 3);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti (a fol 6), il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €2,187.71 bl-imghax kummercjali skond il-ligi. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*